**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Lulju, 2017**

**Avviz Nru 41/2017 AM**

**Lista Nru: 36**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**vs**

**Keith Roberts Sampson Bristol Azore**

**(Passaport Nru. 1L76npxy8FR)**

**21, Triq il-Kejla,**

**L-Ibrag**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2017 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1,129.57c) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' kommunikazzjoni li gie pprestat mis-Socjeta' attrici lil konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40310810.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u disgha u ghoxrin ewrou sebgha u hamsin centezmu (€1,129.57c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali 2040/15 tad-29 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2040/15 a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Gudikant**